# QORTI TAL-APPELL

## IMHALLFIN

**S.T.O. PRIM IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 16 ta' Dicembru, 2019.**

**Numru 18**

**Rikors numru 586/12JZM**

**Antoinette Vella**

**v.**

**CareMalta Limited (C 28382)**

**Il-Qorti:**

1. Dawn huma appell prinċipali mressaq mill-attriċi u appell inċidentali mressaq mill-kumpannija mħarrka minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-30 ta' Settembru, 2014, (minn issa 'l hemm imsejħa "s-sentenza appellata"), li biha u għar-raġunijiet hemm imfissra, iddeċidiet billi "*Tiċħad l-eċċezzjoni ulterjuri tal-preskrizzjoni skond l-Art. 2147(ċ) tal-Kap. 16. Tilqa' l-eċċezzjoni ulterjuri tal-preskrizzjoni skond l-*

*Art. 2148(d) tal-Kap 16 limitatament għal fejn l-attriċi qegħda tippretendi ħlasijiet għaż-żmien ta' bejn l-1 ta' Settembru 2005 u d-19 ta' Mejju 2010. Tiċħad l-eċċezzjoni ulterjuri tal-preskrizzjoni skond l-Art 2148(d) tal-Kap 16 limitatament għal fejn l-attriċi qegħda tippretendi ħlasijiet għaż-żmien ta' bejn l-20 ta' Novembru 2008 u l-20 ta' Mejju 2010. Tilqa' in parte l-eċċezzjonijiet l-oħra. Riferibbilment għat-tieni talba, tiddikjara illi l-attriċi hija kreditriċi tal-kumpannija konvenuta fl-ammont ta` sitta u għoxrin elf ħames mija seba' u erbgħin Ewro disgħa u tletin ċenteżmu (€26,547.39) rappresentanti ħlas ta` salarji (inklużi allowances) għaż-żmien ta' bejn l-20 ta' Novembru 2008 u l-20 ta' Mejju 2010. Riferibbilment għat-tielet talba, tikkundanna lill-kumpannija konvenuta sabiex tħallas lill-attriċi s-somma ta' sitta u għoxrin elf ħames mija seba' u erbgħin Ewro disgħa u tletin ċenteżmu (€26,547.39) fuq riferita, bl-imgħax legali b'effett mis-6 ta' Settembru 2012. Bl-applikazzjoni tal-Art 223(3) tal-Kap 12, tordna li kull parti tbati l-ispejjez taghha*";

2. Fir-Rikors Maħluf tagħha mressaq bil-proċedura sommarja speċjali, l-attriċi (minn issa 'l hemm imsejħa "l-appellanti") kienet talbet biex l-ewwel Qorti tikkundanna lill-kumpannija intimata (minn issa 'l hemm imsejħa "l-appellata") biex tħallasha somma bħala arretrati ta' salarju flimkien mal-imgħax relattiv wara t-tkeċċija nġusta mill-impieg tagħha u l-ordni mogħti b'sentenza tal-Qorti tal-Appell biex terġa' titqiegħed fil-qagħda li kienet qabel tkeċċiet;

3. L-ewwel Qorti waslet għad-deċiżjoni tagħha fis-sentenza appellata wara li għamlet il-kunsiderazzjonijiet li ġejjin:

*"**III. Sintesi tas-sottomissjonijiet***

*"**1. L-attrici***

*"L-attrici tissottometti illi meta tkecciet, irrikorriet ghat-Tribunal Industrijali. Id-decizjoni kienet konfuza u kontradittorja. Ghalhekk l-attrici appellat. Il-Qorti ta` l-Appell sabet illi l-procedura adottata mill-kumpannija konvenuta sabiex tittermina l-impieg tal-attrici kien monka u li d-decizjoni tat-Tribunal Industrijali kienet hazina. Il-Qorti ta` l-Appell poggiet lill-attrici fil-posizzjoni li kienet fiha qabel tkecciet sabiex tkun tista` tiddefendi ruhha fil-proceduri ta` dixxiplina. Meta l-attrici marret lura ghax-xoghol ma nghatatx permess biex tibda mill-kumpannija konvenuta. F`dak l-istadju il-kumpannija konvenuta minflok harget b`akkuza cara li kienet tirrifletti l-akkuzi li kien hemm fl-ittra ta` tkeccija tal-1 ta` Settembru 2005, harget ittra ohra b`disa` akkuzi. Inhatar Bord tad-Dixxiplina u b`decizjoni tat-2 ta` Novembru 2010, it-tkeccija precedenti kienet ikkonfermata. Wara dik id-decizjoni, l-attrici rega` nizjat procediment gdid quddiem it-Tribunal Industrjali. Il-kaz ghadu pendenti.*

*"Ghar-rigward tat-talbiet taghha, l-attrici tirrileva li s-salarju taghha twaqqaf b`effett mid-data tat-tkeccija taghha fl-1 ta` Settembru 2005. Bis-sentenza taghha, il-Qorti tal-Appell hassret dik it-tkeccija. Skond l-attrici, effett tas-sentenza tal-Qorti ta` l-Appell, hija ghandha dritt tithallas is-salarji li kienet imcahhda minnhom wara t-tkeccija tal-1 ta` Settembru 2005 ; ghalhekk talbet il-hlas tal-arretrati tas-salarju. L-attrici tghid ukoll hija tkecciet darba wahda biss u cioe` fit-2 ta` Novembru 2010.*

*"L-attrici tirreferi ghad-disposizzjonijiet tal-ligi li tirregola l-kondizzjonijiet tal-impieg sabiex tirrafferma l-principju li persuna impjegata ma tistax tbati tnaqqis fil-paga; ghal liema principju ma hemmx eccezzjoni.*

*"Dwar l-allegata preskrizzjoni, l-attrici ssostni li l-azzjoni taghha mhijiex preskritta ghaliex bl-ittra ufficjali taghha hija talbet il-hlas tal-arretrati tal-paga.*

*"**2. Il-kumpannija konvenuta***

*"Skond il-konvenuta, fiz-zmien ta` bejn id-data tat-tkeccija originali taghha u d-data tad-decizjoni tat-Tribunal Industrjali, l-attrici ma kenitx impjegata mal-konvenuta. Huwa risaput illi t-Tribunal Industrijali jaghti numru limitat ta` rimedji :- i) ordni ta` hlas ta` kumpens ; fil-kaz tal-lum*

*dan inghata ; ii) ordni ta` reintegrazzjoni bi hlas ta` paga b`lura u/jew kumpens ; fil-kaz tal-lum dan ma nghatax ; u iii) ordni ta` rijimpjeg bil-paga bejn it-tkeccija u r-rijimpieg ; fil-kaz tal-lum dan ma nghatax. Il-Qorti ta` l-Appell mhux biss ma ordnatx reintegrazzjoni, izda esplicitament eskludiet illi kienet ordnat xi haga oltre milli l-attrici tinghata smiegh xieraq. Dan kien johrog car mid-digriet li tat il-Qorti ta` l-Appell wara s-sentenza taghha, meta qalet espressament illi l-intenzjoni taghha ma kenitx illi taghti reintegrazzjoni, b`mod li tigi meqjusa bhallikieku qatt ma spiccat mill-impjieg, izda l-attrici tpoggiet fi stat partikolari ghal skop biss ta` smiegh xieraq.*

*"Il-Qorti ta` l-Appell qalet hekk :-*

*"Fl-ewwel lok il-Qorti taghmilha cara illi bil-provvediment minnha moghti fis-sentenza tal-21 ta` Mejju 2010 bejn il-partijiet hija ma ordnatx ir-re-inseriment fil-post tax-xoghol tar-rikorrenti, appellanti f`din il-kawza, izda semplicement li din titqieghed fl-istat 'ante quo' il-licenzjament taghha biex ikollha l-opportunita tiddefendi ruhha fil-konfront tal-addebiti li bihom giet akkuzata mill-principali taghha. F`dawn ic-cirkostanzi u skond l-interpretazzjoni ta` dak il-gudikat it-talba tar-rikorrenti ma tistax tigi ezawdita u qed tigi michuda."*

*"Dwar il-preskrizzjoni, il-konvenuta rribadiet illi l-azzjoni attrici ghall-hlas tal-paga kienet preskritta skond l-Art 2147(c) u l-Art 2148(d) tal-Kap 16. Fiz-zewg ittri ufficjali li fuqhom l-attrici qeghda tistrieh, ma kienx hemm interpellazzjoni gudizzjarja biex l-intimati jersqu ghal hlas jew ghal likwidazzjoni u hlas ta` danni jew arretrati.*
***"Ikkunsidrat :***

***"IV. <u>Il-preskrizzjoni</u>***

***"1. <u>Generali</u>***

***"Fir-risposta ulterjuri taghha, il-kumpannija konvenuta eccepiet il-preskrizzjoni tal-azzjoni attrici abbazi ta` zewg disposizzjonijiet partikolari : l-Art 2147(c) u l-Art 2148(d) tal-Kap 16.***

***"Il-Qorti sejra tqis l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni l-ewwel ghaliex jekk issib li hija fondata, l-ezami tal-mertu ma jkunx mehtieg.***

***"2. <u>Il-prova tal-preskrizzjoni</u>***

*"Fis-sentenza taghha tat-30 ta` Ottubru 2003 fil-kawza **"<u>Stencil Pave (Malta) Ltd vs Deguara et noe</u>"** din il-Qorti (**<u>PA/JRM</u>**) irriteniet illi –*

*"hija regola ewlenija fil-procedura li l-prova li l-azzjoni hija preskritta trid issir minn min iqanqal l-eccezzjoni, u ghalkemm il-parti attrici tista` tressaq provi biex tittanta xxejjen dawk tal-parti mharrka billi tmeri li ghadda z-zmien*

*jew billi ggib `il quddiem provi li juru li l-preskrizzjoni kienet sospiza jew interrotta, il-piz jaqa` principalment fuq min jallega l-preskrizzjoni. Hi l-parti mharrka li trid tipprova li l-parti attrici ghaddhielha z-zmien utli biex tressaq il-kawza, u dan minn zmien minn meta dik il-kawza setghet titressaq".*

*"(ara wkoll "**Holland noe vs Chetcuti**" – Qorti tal-Appell – 25 ta` Frar 2000; "**Vella vs Cefai**" – Qorti tal-Appell - 5 ta` Ottubru 2001 ; "**Portelli vs Psaila" -** Prim`Awla tal-Qorti Civili - 29 ta` Mejju 2003 ; "**Causon noe vs Sheibani**" – Qorti tal-Kummerc – 4 ta` Dicembru 1987 ; "**Camilleri vs Frendo**" (Kollezz. Vol. XII.144) ; "**Borg vs Testaferrata Bonici**" – Qorti tal-Appell – 24 ta` Marzu 1958).*

*"In partikolari fis-sentenza "**Causon vs Sheibani noe**" il-Qorti qalet illi –*

*"min jeccepixxi l-preskrizzjoni hu obbligat li jaghmel prova sodisfacenti tad-data meta l-perijodu tal-preskrizzjoni jibda jiddekorri ghaliex diversament il-Qorti qatt ma tkun f`posizzjoni li tikkonstata jekk il-perijodu applikabbli tal-preskrizzjoni jkunx iddekorra jew le".*

*"Wara li l-eccipjent jaghmel il-prova, ikun imbaghad imiss lill-attur illi jipprova illi l-kors tal-preskrizzjoni ma jkunx ghadda (ara "**Calleja vs Vella**" – Qorti tal-Appell – 15 ta` April 1964).*

*"**3. Tifsira restrittiva***

*"Il-preskrizzjoni ghandha tinghata interpretazzjoni restrittiva u ghalhekk jekk ikun jezisti xi dubbju dwar l-applikabilita` taz-zmien preskrittiv, dak id-dubbju ghandu jmur kontra min ikun eccepixxa l-preskrizzjoni (**"Alf Mizzi & Sons (Marketing) Limited vs Dismar Company Limited"** deciza minn din il-Qorti fit-12 ta` Ottubru 2004, u **"Ellul noe vs Vella noe"** deciza mill-Qorti tal-Appell fit-8 ta` Mejju 2001).*

*"Il-preskrizzjoni hija istitut li min-natura tieghu, irid jitqies fil-limiti stretti li tapplika ghalih il-ligi, u jitfisser dejjem b`mod li ma` jgibx fix-xejn il-ghan li ghandu jsir haqq fuq is-sustanza tal-kwistjoni.*

*"**4. Dekorrenza***

*"**L-Art 2137 tal-Kap.16** jaqra hekk –*

*Bla hsara ta` disposizzjonijiet ohra tal-ligi, il-preskrizzjoni ta` azzjoni tibda minn dakinhar li din l-azzjoni tista` tigi ezercitata minghajr ma jittiehed qies ta` l-istat jew tal-kondizzjoni tal-persuna li lilha l-azzjoni tmiss.*

*"Huwa principju tad-dritt illi d-data li taghti bidu ghall-preskrizzjoni hi determinabbli oggettivament u tibda tiddekorri mill-fatt tal-hsara ("**Scicluna vs Tracey**" : Qorti tal-Appell : 22 ta` Gunju, 1900 [Vol.XVII.I.151] ; u "**Caruana vs Runza**" – PA - 7 ta` Mejju, 1999).*

*"L-awturi **Baudry-Lacantinerie u Tissier** (Trattato Teorico-Pratico di Diritto Civile : Della Prescrizione - Cap XII, para 364 pag 279) jaffermaw illi –*

*"Quanto alla prescrizione estintiva, il suo corso comincia in principio a partire dal giorno in cui e` nato il diritto o l`azione che e` destinata ad estinguere."*

*"Izjed `l quddiem (para 393 bis, pag 306, op.cit.) ighidu hekk –*

*"La prescrizione estintiva in materia di diritti eventuali non decorre evidentemente se non dopo il verificarsi dell`evento che fa nascere il diritto rimasto finallora puramente eventuale"*

***"5. L-Art 2147 (c) tal-Kap 16***

*"Id-disposizzjoni taqra hekk :-*

*L-azzjonijiet hawn taht imsemmija jaqghu bi preskrizzjoni bl-eghluq ta` sena :*

*…*

*(c) l-azzjonijiet tas-sefturi jew persuni ohra mhallsin bix-xahar, tal-artigjani jew tal-haddiema bil-gurnata, ghall-hlas tal-granet tal-pagi, tas-salarji, jew tal-fornituri li jkollhom jiehdu ;*

*"Saret analizi approfondita ta` din id-disposizzjoni fis-sentenza li tat il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri **(AE)** fil-11 ta` Lulju 2008 fil-kawza "**Vella et vs Korporazzjoni Enemalta**" (li minnha ma kienx hemm appell). Il-Qorti sejra taghmel riferenza in extenso ghal dik is-sentenza.*

*"Dik il-Qorti qalet hekk bhala **introduzzjoni** ghall-Art 2147(c) tal-Kap 16 –*

*Dan il-provvediment mhu xejn ghajr traduzzjoni mit-test originali bit-Taljan tal-Artikolu 1911 tal-Ordinanza numru VII tal-1868 li kien jaqra :*

*"Le azioni dei domestici od altre persone stipendiate a mese, degli operai e dei giornalieri, pel pagamento delle loro*

*giornate, dei loro salario o delle somministrazioni loro dovute."*

*It-test Ingliz tal-istess Ordinanza jaqra :*

*"Actions of servants or other persons salaried by the month, of artificers, and day-labourers, for the payment of their wages, of their salaries, or the provisions due to them."*

*"Il-Qorti ghamlet dawn l-**osservazzjonijiet** –*

*"(a) Hemm distinzjoni apparenti bejn it-test Malti u dak Ingliz in kwantu fit-test Malti jinghad **"ghall-hlas tal-granet tal-pagi"** filwaqt li fit-test Ingliz jinghad "for the payment of their wages";*

*"(b) Jidher li hemm lacuna in kwantu dan il-provvediment ma japplikax ghal dawk il-persuni li ghandhom is-salarji pagabbli mhux kull xahar. Dan ifisser li ghal dawn il-persuni japplika perjodu ta` preskrizzjoni itwal. Il-Qorti ma tara l-ebda raguni ghalfejn ghandu jkun hekk. Fil-kawza fl-ismijiet **Paul Degiorgio vs Vincent Muscat** deciza fit-8 ta` April 2002 mill-Prim`Awla tal-Qorti Civili (**AJM**) l-attur kien jahdem bhala chef u kien jithallas kull gimgha. L-attur harrek lill-principal tieghu ghall-hlas ta` salarju. Il-Qorti kkonkludiet : "Infatti l-artikolu 2147(c) fuq imsemmi jitkellem dwar persuni mhallsin bix-xahar, jew persuni ingaggati bil-gurnata ghall-hlas tal-granet tal-pagi. Fil-kaz in ezami izda jirrizulta li l-attur kien ingaggat u jithallas bil-gimgha u mhux bix-xahar u lanqas bil-gurnata. Ghalhekk il-preskrizzjoni sollevata mhux applikabbli ghal kaz in ezami."*

*"Dejjem fil-kuntest ta` din l-osservazzjoni, il-Qorti ghamlet footnote b`riferenza ghal sentenza ta` din il-Qorti tat-30 ta` Gunju 1917 (konfermata mill-Qorti tal-Appell fl-24 ta` Jannar 1919 – Kollez Vol XXIII.I.7) fil-kawza "**Paola Gauci vs Filippo Camilleri et altri**" fejn inghad hekk –*

*"Sull`eccezione della prescrizione, che non trattandosi di dimettere persone stipendiate a mese e` inapplicabile la prescrizione contemplata nel 3 a linea dell`articolo 1911 dell`Ordinanza VII del 1868, e solo si potrebbe applicare la prescrizione di cinque anni, come fu ritenuto con diverse sentenze dei nostri tribunali tra cui quelle di questa Corte del 26 Gennaio 1882, nella causa Borg Preziosi (Collezione IX.618), e del 28 Febbraio 1893 nella causa Azzopardi versus Dr. Preziosi (ibid. XIII.432)"*

*"Il-Qorti **kompliet** hekk –*

*"(c) Certament li wasal iz-zmien li dawn il-provvedimenti, li dahlu fis-sehh permezz tal-Ordinanza numru VII tal-1868, jigu riveduti u fejn hemm bzonn emendati sabiex jirriflettu z-zminijiet li qeghdin nghixu fihom. Il-Qorti mhi tara l-ebda raguni ghalfejn ghandu jkun hemm distinzjoni bejn dawk imhallsin bix-xahar u haddiema ohra imhallsin iktar spiss.*

*"(d) Il-fatt li fl-Artikolu 2147(c) tintuza l-kelma `paga` u wkoll `salarju`, hemm distinzjoni fis-sinifikat taghhom minkejja li fil-hajja ta` kuljum dawn iz-zewg termini jintuzaw b`mod li huma kunsidrati li ghandhom l-istess sinifikat. Il-Qorti taqbel li l-kelma "tal-granet tal-pagi" (fit-test Taljan "pel pagamento delle loro giornate") qeghda tirreferi ghal dawk il-haddiema li jahdmu bil-gurnata. F`dan il-kuntest issir riferenza ghall-kawza fl-ismijiet **Alex Caruana vs Joseph Vassallo** deciza mill-Qorti tal-Appell fil-11 ta` Dicembru 1978. M`hemmx dubju li l-atturi ma jikkwalifikawx bhala haddiema li jahdmu bil-gurnata.*

*"(e) Fl-Att dwar l-Impieg u Relazzjonijiet Industrijali (Kap.452) l-Artikolu 2 jipprovdi li :-*

*"paga" tfisser rimunerazzjoni jew qligh, li jithallsu minn principal lil impjegat u tinkludi kull bonus li jithallas skond l-artikolu 23 minbarra kull bonus jew allowance relatati ma` l-esekuzzjoni tax-xoghol jew mal-produzzjoni."*

*"Jidher li din il-ligi ma taghmilx distinzjoni bejn salarju u paga.*

*"Il-Qorti ghamlet riferenza ghal xi gurisprudenza sabiex tistabilixxi liema hlasijiet jikkwalifikaw bhala salarju. Fost is-sentenzi citati kien hemm "**Paul Aquilina vs Victor Satariano noe**" li kienet deciza mill-Qorti tal-Appell fit-13 ta` Gunju 1994 –*

*"fejn gie spjegat li hlas ghal leave ma jaqax taht il-kategorija ta` salarju (ghalkemm is-sentenza kienet b`riferenza ghall-Artikolu 2148(d) tal-Kodici Civili) in kwantu l-Qorti kkonkludiet li m`hemmx ekwivalenza bejn salarju u d-dritt ghal leave.*

*"Il-Qorti esprimiet ruhha hekk –*

*"Il-Qorti hi ukoll tal-fehma li z-zmenijiet inbidlu fis-sens li meta dan il-provvediment originarjament dahal fis-sehh il-beneficcji li jinghataw illum il-gurnata lill-impjegati ma kienux jezistu. Ma jaghmilx sens li hlasijiet ohra li jiffurmaw parti mill-*

*pakkett tas-salarju tal-impjegat ikun japplika ghalihom perjodu ta` preskrizzjoni hafna iktar twil.*

*"U kompliet –*

*"Tibqa` l-kwistjoni jekk l-atturi humiex imhallsin bix-xahar.*

*"Il-fehma taghha kienet illi –*

*"l-kelma "xahar" ghandha tfisser xahar skond il-kalendarju Gregorjan. B`analogija tista` ssir riferenza ghall-Artikolu 103 tal-Kap. 12 li jipprovdi :- Fl-ghadd taz-zmien, il-gurnata tinghadd ta` erbgha u ghoxrin siegha, ix-xahar u s-sena skond il-kalendarju.*

*"Jekk wiehed kellu japplika dan it-terminu ta` preskrizzjoni jkun ifisser li ma japplikax minn meta l-atturi bdew jithallsu s-salarju kull erbgha (4) gimghat, ghaliex dan ma jikkwalifikax bhala xahar. Irid jinghad li l-preskrizzjoni ghandha tinghata interpretazzjoni restrittiva u ghalhekk jekk ikun jezisti xi dubju dwar l-applikabilita` taz-zmien preskrittiv, tali dubju ghandu jmur kontra min ikun eccepixxa l-preskrizzjoni.*

*"F`dak il-kaz, l-atturi kienu jokkupaw il-kariga ta` assistant manager u professional executive mal-Korporazzjoni Enemalta.*

*"Il-Qorti kompliet hekk –*

*"Madankollu l-Qorti tistqarr li kellha dubju serji, mehud in konsiderazzjoni l-grad li ghandhom, kemm l-atturi jaqghu taht dan il-provvediment.*

*"Il-**punt krucjali** tas-sentenza kien dan li gej –*

*"**Fil-fehma tal-Qorti hu evidenti li s-salarju m`huwiex pattwit kull erbgha (4) gimghat imma tant fis-sena. Il-fatt li mbaghad il-modalita` tal-hlas hi kull erbgha (4) gimghat (fil-kaz ta` Josephine Vella ghamlet numru ta` snin fejn u s-salarju kienet tircevih kull xahar) hi kwistjoni ohra. Il-Qorti hi tal-fehma li m`huwiex importanti kif is-salarju dovut lill-impjegat hu mqassam matul sena, cjoe` l-frekwenza tal-hlas. Interessanti kif fit-test originali (Ordinanza numru VII tal-1868), il-kelma li intuzat hi "stipendiati" (salaried bl- Ingliz). L-Articolo 1912 (illum 2148) kien jaqra "Di coloro che fossero stipendiati ad anno pel pagamento del loro salario." Provvediment li sal-lum ghadu ma giex emendat. Fil-fehma tal-Qorti hekk biss jistghu jigu nterpretati l-***

***provvedimenti rilevanti tal-preskrizzjoni qasira fir-rigward tas-salarju, sabiex jaghmlu sens. F`dan il-kuntest din il-Qorti taqbel mal-fehma li esprimiet il-Prim`Awla tal-Qorti Civili (GCD) fil-kawza Martin Abela vs Ramon Spiteri nomine deciza fit-22 ta` Frar 2002 fis-sens li:- "Kif juri s-seba` patt tal-ftehim, izda, is-salarju ta` l-attur huwa stipulat b`tant fis-sena, mhux b`tant fix-xahar; il-preskrizzjoni taht l-art. 2147(c) tal-Kodici Civili ghalhekk ma tghoddx ghall-kaz ta` l-attur, u l-eccezzjoni hija ghalhekk michuda". Tant hu hekk li kwalsiasi kalkoli li jkun hemm bzonn li jsiru, isiru fuq sena salarju.*** *(enfasi ta` din il-qorti)*

*"Il-Qorti ghalhekk* ***cahdet*** *l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni.*

***"6. Dokumenti***

*"Mid-dokumenti li kienu esebiti fil-kors tal-kawza, dawk li fil-fehma tal-Qorti huma rilevanti ghall-accertament tal-fondatezza o meno ta` l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni skond l-Art 2147(c) tal-Kap 16 huma dawn :-*

*"****Il-payslips***

*"L-attrici pprezentat minn fol 39 sa fol 44 is-slips tas-salarju taghha ghal perijodi partikolari; abbazi ta` dawn is-slips, jidher li s-salarju jithallas kull gimghat. A fol 45 imbaghad ipprezentat l-FSS Form ghas-sena li ghalqet 31 ta` Dicembru 2005.*

*"****Dok STK 4*** *:-*

*"L-ittra ufficjali tal-attrici tal-24 ta` Mejju 2010 li kienet notifikata lill-konvenuta fis-27 ta` Mejju 2010 fejn, wara li ghamlet riferenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-21 ta` Mejju 2010, inter alia talbet il-hlas ta` l-arretrati kollha ta` paga u allowances dovuti lilha skond il-ligi ghall-perijodu li fih kienet sospiza u sussegwentement licenzjata mill-impieg.*

*"****Dok STK 5 (bhal Dok A)*** *:-*

*"L-ittra ufficjali tal-attrici tas-27 ta` Awissu 2010 li kienet notifikata lill-konvenuta fl-1 ta` Settembru 2010 fejn, wara li ghamlet riferenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-21 ta` Mejju 2010, inter alia talbet il-hlas ta` l-arretrati tas-salarju taghha li huma dovuti lilha mill-1 ta` Settembru 2005 (id-data tar-wrongful dismissal taghha) sal-21 ta` Mejju 2010.*

*"****Dok B*** *:-*

*"Din hija s-sentenza li tat il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fil-21 ta` Mejju 2010 fl-istess ismijiet tal-kawza tal-lum. Kien appell minn*

*decizjoni li nghatat mit-Tribunal Industrijali fit-23 ta` Frar 2010. Fis-sentenza taghha l-Qorti tal-Appell qalet hekk :-*

*"… tannulla s-sentenza appellata, u tordna li l-istess appellanti ghandha titqieghed fl-istat quo ante l-licenzjament taghha b`mod li jkunu tutelati kif jixraq id-drittijiet taghha fil-konfront ta` l-infrazzjonijiet addebitati lilha mill-kumpannija appellata …*

*"7. __Risultanzi__*

*"Meta gudikant ikun mitlub jiddeciedi dwar eccezzjoni ta` preskrizzjoni, irid jasal ghall-fehma tieghu fuq fatti cari mhux kongetturi. Il-konvenuta qanqlet l-eccezzjoni u ghalhekk jispetta lilha l-piz tal-prova, ghalkemm l-attrici kellha tressaq provi biex tittanta xxejjen dawk tal-konvenuta billi tikkontesta l-pretensjoni li ghadda z-zmien jew billi ggib `il quddiem provi li juru li l-preskrizzjoni kienet sospiza jew interrotta.*

*"Kull kaz ghandu jkun esaminat fuq il-fattispece partikolari tieghu. Dan ighodd ukoll fejn tidhol l-applikazzjoni tal-principji tad-dritt kif mifhuma fid-dottrina u fil-gurisprudenza. B`hekk il-gudikant ikun f`qaghda li jsahhah il-konvinzjoni u l-konkluzjonijiet tieghu. Ic-certezza morali li fuqha l-gudikant ghandu jibni l-motivazzjoni tal-gudizzju tieghu trid issib il-gustifikazzjoni taghha fl-ewwel lok fit-totalita` tal-provi u fit-tieni lok fil-qafas tal-preponderanza tal-probabilitajiet.*

*"Ladarba ssollevat l-eccezzjoni, l-aqwa prova li setghet iggib il-konvenuta kien il-kuntratt tax-xoghol tal-attrici mnejn kienu jirrizultaw il-kondizzjonijiet tax-xoghol taghha nkluz id-dettalji tas-salarju u l-modalita` tal-hlas tal-istess. Il-konvenuta ma ressqitx prova determinanti bhal din; del resto, lanqas l-attrici ma ghamlet din il-prova. Fic-cirkostanzi, il-Qorti jkollha toqghod fuq provi anqas diretti ghalkemm rilevanti. Qeghda tirreferi ghad-dokumenti minn fol 39 sa fol 45.*

*"Jirrizulta li l-attrici kienet impjegata bhala Manager. Id-dokument a fol 45 mhuwiex daqstant krucjali ghal dak li trid tistabilixxi l-Qorti; id-dokumenti l-ohra a fol 39 sa fol 44 huma rilevanti ghaliex minnhom jirrizulta li l-attrici kienet tithallas kull erba` gimghat.*

*"Il-Qorti taghmel taghha l-insenjamenti li hargu mis-sentenza "Vella et vs Korporazzjoni Enemalta" fuq citata ghaliex fil-fehma taghha tindirizza b`mod rilevanti l-aspetti ewlenin tal-kaz taht ezami.*

*"Din il-Qorti tistqarr minghajr esitazzjoni illi meta tqis il-kariga li kellha l-attrici mal-kumpannija konvenuta, in-natura tax-xoghol taghha u r-responsabilitajiet li kellha, l-attrici ma taqax fil-kategorija ta` persuni li jkopri l-Art 2147(c) tal-Kap 16.*

*"Inoltre ghalkemm jidher illi s-salarju tal-attrici kien jithallas kull erba`*

*gimghat, jidher ukoll li l-quantum tas-salarju ma kienx dejjem l-istess ghaliex kien jiddependi fuq kemm sighat kienet tahdem; infatti rrizulta li l-quantum tas-salarju kien jinhadem abbazi ta` hourly rate. Dak pero` ma jfissirx li l-preskrizzjoni skond l-Art 2147(c) hija applikabbli ghall-attrici. Fl-ewwel lok, ghaliex is-salarju taghha kien jithallas kull erba` gimghat mhux kull xahar. Fit-tieni lok, ghaliex huwa difficilment kontestabbli bhala fatt illi fil-grad ta` impieg li kellha l-attrici, is-salarju kien annwu; immaterjali jekk kien jithallas kull erba` gimghat, ghax dik kwistjoni ta` modalita` ta` hlas; immaterjali wkoll li kien hemm hourly rate ghaliex il-quantum tas-salarju kien jigi stabbilit b`rata determinata ghas-sighat li l-attrici kienet tahdem. Mhuwiex importanti kif is-salarju dovut lill-impjegat huwa mqassam matul is-sena u cioe` l-frekwenza tal-hlas sabiex tigi determinata liema hija l-preskrizzjoni applikabbli. (**“Abela vs Spiteri noe”** – PA/GCD – 22 ta` Frar 2002).*

*“Fi kwalunkwe kaz, din il-Qorti tirrafferma l-principju illi l-preskrizzjoni ghandha tinghata interpretazzjoni restrittiva u kwindi jekk ikun hemm dubbju dwar l-applikabilita` taz-zmien preskrittiv, dak id-dubbju ghandu jmur kontra min ikun eccepixxa l-preskrizzjoni.*

***“Il-Qorti qeghda tichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni skond l-Art 2147(c) tal-Kap 16.***

***“8. L-Art 2148(d) tal-Kap 16***

*“Id-disposizzjoni taqra hekk :-*

*“L-azzjonijiet hawn taht imsemmija jaqghu bi preskrizzjoni bl-eghluq ta` tmintax-il xahar :*

*…*

*(d) l-azzjonijiet ta` dawk imhallsin bis-sena, ghall-hlas tas-salarju taghhom ;*

***“9. Risultanzi***

*“Il-Qorti diga` esprimiet ruhha fis-sens illi tqis lill-attrici bhala impjegata li tithallas bis-sena. Li sejra tistharreg il-Qorti huwa tirrizultax fondata l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni skond l-Art 2148(d) kunsidrati l-fattispece ppruvati tal-kaz.*

*“Mhuwiex kontestat illi fid-29 ta` Awissu 2005 l-attrici kienet sospiza on full pay. Irrizulta li fl-1 ta` Settembru 2005 kien terminat l-impieg taghha. L-attrici hadet il-kaz taghha quddiem it-Tribunal Industrijali. Il-kaz kien deciz fit-23 ta` Frar 2010. L-attrici appellat. Fis-sentenza taghha tal-21 ta` Mejju 2010, il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) annullat id-decizjoni tat-Tribunal Industrijali u qeghdet lill-attrici fl-istat quo ante l-licenzjament taghha. Il-konvenuta mexxiet kontra l-attrici quddiem Bord ta` Dixxiplina intern tal-kumpannija. Il-kaz kien deciz kontra l-*

*attrici u giet licenzjata mill-impieg. Wara din it-tkeccija, l-attrici hadet il-kaz quddiem it-Tribunal Industrijali; il-kaz ghadu pendenti. Fl-24 ta` Mejju 2010 u fis-27 ta` Awissu 2010 l-attrici pprezentat zewg ittri ufficjali fejn talbet il-hlas ta` arretrati ta` salarji u allowances. Fit-8 ta` Gunju 2012, l-attrici pprezentat il-kawza tal-lum.*

*"Fis-sentenza tal-21 ta` Mejju 2010 il-Qorti tal-Appell ordnat li l-attrici titqieghed l-istat ante quo l-licenzjament taghha b`mod li jkunu tutelati kif jixraq id-drittijiet taghha fil-konfront ta` l-infrazzjonijiet addebitati lilha mill-kumpannija appellata. Ghal din il-Qorti l-effett ta` dan il-pronunzjament huwa illi l-attrici rega` tpoggiet vis-à-vis il-konvenuta fejn kienet bejn id-29 ta` Awissu 2005 u l-31 ta` Awissu 2005 u cioe` fi stat ta` sospensjoni on full pay.*

*"Ma jirrizultax illi qabel l-ittra ufficjali ta` l-24 ta` Mejju 2010 (Dok STK4) l-attrici pprezentat atti gudizzjarji fejn talbet il-hlas tal-pagi u allowances mill-konvenuta. L-ittra ufficjali tal-24 ta` Mejju 2010 kienet notifikata lill-konvenuta fis-27 ta` Mejju 2010. Ghal din il-Qorti dan ifisser illi l-attrici ghandha jedd tirreklama biss bhala salarji (allowances inkluzi) minghand il-konvenuta t-18-il xahar li ghaddew bejn l-20 ta` Novembru 2008 u l-20 ta` Mejju 2010. Huwa nkontestat illi l-konvenuta hallset dak li kien dovut lill-attrici ghaz-zmien ta` bejn id-data tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Inferjuri) tal-21 ta` Mejju 2010 sad-data tat-tkeccija taghha tat-2 ta` Novembru 2010 wara li kienu konkluzi l-proceduri quddiem il-Bord tad-Dixxiplina. Fil-fehma konsiderata ta` din il-Qorti, l-ammonti <u>l-ohra</u> pretizi mill-attrici fit-tieni u fit-tielet talbiet taghha huma preskritti.*

***"Il-Qorti filwaqt li <u>tichad</u> l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni skond l-Art 2148(d) tal-Kap 16 ghaz-zmien ta` bejn l-20 ta` Novembru 2008 u l-20 ta` Mejju 2010, qeghda <u>tilqa</u>` l-eccezzjoni ghaz-zmien ta` bejn l-1 ta` Settembru 2005 u d-19 ta` Mejju 2010.***

***"Ikkunsidrat :***

***"V. <u>Il-mertu</u>***

*"Billi l-Qorti sabet li tista` tqis parti mill-pretensjoni tal-attrici, sejra tghaddi ghall-konsiderazzjoni tal-mertu taghha.*

*"B`riferenza ghal punti sollevati mill-konvenuta kemm fir-risposta guramentata kif ukoll fis-sottomissjonijiet taghha bil-miktub, din il-Qorti tirrileva illi ghalkemm pendenti quddiem it-Tribunal Industrijali hemm kawza li pprezentat l-attrici wara li intemm l-impieg taghha – hija tallega: ingustament - konsegwenza tal-esitu tal-proceduri ta` dixxiplinari li kienu istitwiti kontra taghha wara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-21 ta` Mejju 2010 kawza, kull pretensjoni ta` l-attrici ghal pendenzi jew arretrati ta` salarji mhijiex kompetenza tat-Tribunal Industrijali izda tal-qrati ordinarji (ara "**<u>Karmenu Vella vs General Workers` Union</u>**": Qorti tal-Appell : 11 ta` Novembru 2011). Ghalhekk kien ghal kollox legittimu ghall-attrici li tressaq talba ghall-hlas ta` arretrati ta` salarji quddiem din*

*il-Qorti fl-istess waqt li quddiem it-Tribunal Industrijali ghaddej il-kaz taghha fejn qeghda tallega tkeccija ngusta u qeghda tirreklama kumpens.*

*"Il-Qorti tirrileva li kienet ghal kollox ghazla tal-konvenuta li qabel iddecidiet li tittermina l-impieg tal-attrici fl-1 ta` Settembru 2005, hija ssospendietha mill-impieg on full pay (ara r-riferenza ghall-fatti fid-decizjoni tat-Tribunal Industrijali li mhijiex kontestata fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell). U ghalhekk ma ghandu jkun hemm xejn sorprendenti ghall-konvenuta illi konsegwenza importanti tas-sentenza tal-21 ta` Mejju 2010 kienet li l-attrici tqeghdet fil-posizzjoni li kienet qabel l-1 ta` Settembru 2005 sabiex tkun tista` tiddefendi ruhha minn dak li kien qieghed jigi allegat kontra taghha mill-konvenuta. Huwa rrilevanti li l-attrici ma ghamlitx xoghol ghall-konvenuta fil-perijodu li kien ammess minn din il-Qorti; del resto kienet il-konvenuta li ssospendiet lill-attrici u nsistiet maghha li ma tmurx ghax-xoghol. Ghalhekk ma hemm l-ebda kwistjoni ta` arrikkiment indebitu da parti tal-attrici. Rilevanti ghal din il-Qorti huwa l-fatt illi ghalkemm l-attrici baqghet barra, il-konvenuta accettat li thallasha ghaz-zmien ta` bejn id-data tas-sentenza ta` l-21 ta` Mejju 2010 sakemm l-attrici tkecciet wara li kienu konkluzi l-proceduri tad-dixxiplina. Infatti l-attrici mhijiex tirreklama hlas ta` salarji ghall-perijodu ta` bejn il-21 ta` Mejju 2010 u t-2 ta` Novembru 2010.*

*"Il-quantum tat-talba attrici kien komputat mill-Awdituri Marmara` Camilleri & Co (ara Dok C a fol 15 sa fol 19). Fuq l-iskorta ta` dak ir-rapport, ghall-perijodu ta` tmintax-il xahar ta` bejn l-20 ta` Novembru 2008 u l-20 ta` Mejju 2010, l-attrici ghandha tircievi hlas nett ta`* ***€26,547.39*** *maqsum :-*

| | |
|---|---|
| *"Novembru 2008* | *€ 457.49 +* |
| *"Dicembru 2008* | *€1,475.62* |
| *"Jannar 2009* | *€1,394.58* |
| *"Frar 2009* | *€1,394.58* |
| *"Marzu 2009* | *€1,483.38* |
| *"April 2009* | *€1,394.58* |
| *"Mejju 2009* | *€1,394.58* |
| *"Gunju 2009* | *€1,497.35* |
| *"Lulju 2009* | *€1,394.58* |
| *"Awissu 2009* | *€1,362.25* |
| *"Settembru 2009* | *€1,515.71* |
| *"Ottubru 2009* | *€1,362.25* |
| *"Novembru 2009* | *€1,394.58* |
| *"Dicembru 2009* | *€1,529.68* |
| *"Jannar 2010* | *€1,559.48* |
| *"Frar 2010* | *€1,559.48* |
| *"Marzu 2010* | *€1,647.70* |
| *"April 2010* | *€1,559.48* |
| *"Mejju 2010* | *€1,170.04* |

*"Mill-konteggi li ghamlu l-Awdituri, il-Qorti qeghda tiskarta l-mod kif sar il-kalkolu tal-imghax. Il-Qorti tirrileva li ghall-fattispeci tal-kaz tal-lum, l-imghax ghandu jiddekorri mid-data tan-notifika tar-rikors guramentat mhux kif pretiz mill-attrici stante li (a) id-dejn mhuwiex kummercjali; (b) fl-ittri ufficjali tal-24 ta` Mejju 2010 u tas-27 ta` Awissu 2010 intalab ammont da liquidarsi; u (c) li kien biss fir-rikors guramentat li ntalab il-hlas ta` ammont likwidat. Ghalkemm mhux qieghed jigi likwidat a favur tal-attrici l-ammont kollu li talbet, l-imghax xorta huwa dovut fuq is-somma likwidata mid-data tan-notifika tar-rikors guramentat u cioe` 6 ta` Settembru 2012."*;

4. Fir-Rikors tal-Appell imressaq minnha fis-17 ta' Ottubru, 2014, u għar-raġunijiet hemm imsemmija, l-appellanti talbet li din il-Qorti timmodifika s-sentenza appellata billi tikkonfermaha safejn sabet li l-appellanti kienet tassew kreditriċi tal-kumpannija appellata, u tħassarha safejn l-ewwel Qorti ma laqgħetx għal kollox it-talba tagħha għall-ħlas tas-somma pretiża billi, minflok, laqgħet l-eċċezzjoni ulterjuri tal-appellata dwar il-preskrizzjoni tal-azzjoni tagħha taħt l-artikolu 2148(d) tal-Kodiċi Ċivili limitatament għaż-żmien li għadda bejn l-1 ta' Settembru, 2005, u d-19 ta' Mejju, 2010;

5. Fir-Risposta mressqa minnha fid-29 ta' Ottubru, 2014, l-appellata, warrbet l-aggravji tal-appellanti u qalet li din il-Qorti jmissha twarrabhom u tiċħad l-appell tagħha bl-ispejjeż;

6. L-istess appellata nqdiet bir-Risposta u ressqet appell inċidentali mis-sentenza appellata billi, għar-raġunijiet hemm imsemmija, talbet li din il-Qorti li, minbarra li tiċħad l-appell prinċipali u tikkonferma s-sentenza appellata safejn laqgħet l-eċċezzjoni (ulterjuri) tal-preskrizzjoni tal-azzjoni

attriċi, tirriformaha billi tiċħad it-talbiet tal-appellanti u kif ukoll dwar il-kaġ tal-ispejjeż billi tordna lill-appellanti tħallas l-ispejjeż taż-żewġ istanzi;

7. Semgħet it-trattazzjoni tal-appelli waqt is-smigħ tal-15 ta' Ottubru, 2019;

8. Rat l-atti kollha tal-kawża;

9. Rat li l-appelli tħallew għal-lum għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

10. Illi l-azzjoni attriċi tirrigwarda pretensjoni ta' ħlas ta' salarju u mgħaxijiet miġmugħa fuq dak is-salarju għaż-żmien meta l-appellanti kienet tkeċċiet mix-xogħol sa dakinhar li b'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sedi Inferjuri) hija reġgħet tqegħdet fil-pożizzjoni li kienet minnufih qabel tkeċċiet wara li dik il-Qorti kienet sabet li t-tkeċċija kienet teknikament waħda inġusta. Iż-żmien li għalih tirreferi l-pretensjoni tal-attriċi appellanti kien bejn l-1 ta' Settembru, 2005, sal-20 ta' Mejju, 2010. Dan jingħad għaliex mhuwiex kontestat li l-appellata ħallset lill-appellanti s-salarju għaż-żmien li hija kienet baqgħet sospiża mix-xogħol b'salarju sħiħ bejn il-21 ta' Mejju, 2010 u t-2 ta' Novembru, 2010, li hija d-data meta

ttieħdet id-deċiżjoni aħħarija tat-tkeċċija mill-impieg tagħha mal-appellata;

11. Illi bl-**aggravji** tagħha mis-sentenza appellata, **l-appellanti** tqis (a) li r-raġunament tal-ewwel Qorti li tilqa' l-eċċezzjoni ulterjuri tal-preskrizzjoni taħt l-artikolu 2148(d) tal-Kodiċi Ċivili għaż-żmien bejn Settembru tal-2005 u Mejju tal-2010 kien wieħed żbaljat u ma jaqbilx mal-ġurisprudenza; (b) li s-sentenza appellata fiha provvedimenti li jmorru kontra xulxin fil-parti dispożittiva tagħha; u (ċ) li l-ewwel Qorti ħaddmet ħażin il-mod u ż-żmien li kellu jimxi l-imgħax fuq is-somma likwidata dovuta mill-appellata;

12. Illi, min-naħa l-oħra, l-**aggravji tal-appellata fl-appell inċidentali** tagħha jikkonsistu (i) fil-fatt li tgħid li l-ewwel Qorti ma qisitx tajjeb biżżejjed l-import tas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sedi Inferjuri) fil-21 ta' Mejju, 2010, u b'mod partikolari, kif kellu jitfisser id-degriet[1] li tat dik l-istess Qorti wara l-għoti tas-sentenza li biha ħassret id-deċiżjoni li kien ta t-Tribunal Industrijali; u (ii) dwar il-kap tal-ispejjeż kif jirriżulta mis-sentenza appellata;

13. Illi l-Qorti sejra tibda billi tqis l-**aggravji tal-appellanti** u b'mod partikolari bit-<u>tieni aggravju</u> li jitkellem dwar provvedimenti kontradittorji

[1] Dan jirreferi għad-degriet mogħti mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fis-17.6.2010 (Dok "E" f'paġ. 96 tal-proċess)

fil-parti dispożittiva tas-sentenza appellata. Jidher li dan l-aggravju tressaq bla ħsara għall-ewwel aggravju, u din il-Qorti sejra tqisu mill-aspett purament proċedurali tiegħu bla ma għalissa tagħti l-fehma tagħha fuq dak l-aggravju. F'dan l-aggravju, l-appellanti tilminta li wara li l-ewwel Qorti qatgħetha li tilqa' f'parti l-eċċezzjoni ulterjuri dwar il-preskrizzjoni tat-tmintax-il (18) xahar taħt l-artikolu 2148(d) tal-Kodiċi Ċivili dwar żmien partikolari, għaddiet biex tiċħad l-istess eċċezzjoni sewwasew fuq żmien li jinkludi dak li fih kienet laqgħetha;

14. Illi l-appellata ma ressqet l-ebda sottomissjoni dwar dan l-aggravju;

15. Illi l-Qorti jidhrilha li dan l-aggravju huwa mistħoqq. Huwa ċar li t-tieni u t-tielet provvedimenti fil-parti deċiżiva tas-sentenza appellata ma jistgħux joqogħdu flimkien għaliex tal-ewwel twaqqa' lit-tieni ħlief għal jum wieħed. Din il-Qorti ma għandha l-ebda dubju li dan kien *lapsus calami* tal-ewwel Qorti li jidher li tnissel fir-raba' taqsima tas-sentenza appellata (IV, 9) meta kienet qiegħda tqis l-applikabilità tal-imsemmija preskrizzjoni għall-każ tal-attriċi. Biex dawk il-kunsiderazzjonijiet jitqiesu sewwa u bla ma jwaqqgħu lil xulxin, għandu jirriżulta li, skond ir-raġunament tal-ewwel Qorti, l-eċċezzjoni ulterjuri kellha tintlaqa' għaż-żmien ta' qabel id-19 ta' Novembru, 2008, u mhux id-19 ta' Mejju, 2010, kif jissemma fis-sentenza appellata;

16. Illi l-liġi[2] tagħti lil din il-Qorti s-setgħa li tibdel jew issewwi xi nuqqasijiet li jkun hemm f'sentenza appellata, sakemm dan jintalab minn xi waħda mill-partijiet qabel ma l-appell jitħalla għas-sentenza u l-partijiet jingħataw l-opportunità li jinstemgħu. Dan jgħodd aktar u aktar jekk kemm-il darba l-attenzjoni ta' din il-Qorti tinġibed minn xi waħda mill-partijiet fis-sura ta' aggravju tal-appell;

17. Illi din il-Qorti sejra tagħti l-provvediment meħtieġ f'dan ir-rigward fil-parti dispożittiva ta' din is-sentenza u wara li tqis l-aggravji l-oħrajn tal-appellanti;

18. Illi fl-<u>ewwel aggravju</u> tagħha l-appellanti tgħid li l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni tat-tmintax-il xahar ma messhiex intlaqgħet. Hija tgħid li kien biss wara l-għoti tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-21 ta' Mejju, 2010, li ħassret id-deċiżjoni tat-Tribunal Industrijali li hija setgħet tinterpella lill-appellata biex tħallasha l-arretrati tals-salarju tagħha. Sa ma ngħatat dik is-sentenza, hija ma kinitx f'qagħda li tressaq talba bħal dik, aktar u aktar meta hija kienet tkeċċiet sommarjament mill-impieg tagħha u l-kontestazzjoni quddiem it-Tribunal kienet sewwasew fuq is-siwi u l-legalità tat-tkeċċija. Ma kienx fis-setgħa tat-Tribunal li jillikwida s-salarji li kienet jistħoqqilha, qabel ma jiddeċiedi jekk it-tkeċċija tagħha mill-impieg kenitx skond il-liġi jew le;

[2] L-ewwel *proviso* tal-art. 175(2) tal-Kap 12

19. Illi għal dan l-aggravju, l-appellata tilqa' billi tgħid li s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell li ħassret id-deċiżjoni tat-Tribunal Industrijali ma qalet bl-ebda mod li l-appellanti kellha terġa' tiddaħħal lura għax-xogħol: lanqas ma qatgħetha li l-appellata ma kellhiex raġunijiet tajbin biex tkeċċiha mix-xogħol, għaliex kieku għamlet hekk kienet tkun qiegħda tieħu f'idejha s-setgħat li l-liġi[3] tagħti biss lit-Tribunal. Minħabba f'hekk, l-appellata tgħiud li l-appellanti ma setgħet qatt tippretendi ħlas ta' xi salarju jew paga għaż-żmien kollu li ma ħadmitx għaliex b'dan il-mod kien ifisser li tistagħna indebitament bi ħsara tal-istess appellata;

20. Illi l-Qorti tibda biex tgħid li s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell fil-21 ta' Mejju, 2010[4], ħassret id-deċiżjoni mogħtija mit-Tribunal Industrijali fit-23 ta' Frar, 2010[5], fuq is-saħħa li "*l-parti dispositiva tikkontjeni kontradittorjetà u dan iġib li s-sentenza għandha titwarrab u sostitwita bil-provvediment infraskritt. Għal dawn il-motivi din il-Qorti qed takkolji l-ewwel gravam ta' l-appellanti, tannulla s-sentenza appellata, u tordna li l-istess appellanti għandha titqiegħed fl-istat ante quo il-liċenzjament tagħha b'mod li jkunu tutelati kif jixraq id-drittijiet tagħha fil-konfront tal-infrazzjonijiet addebitati lilha mill-kumpanija appellata. ..*". F'degriet mogħti fis-17 ta' Ġunju, 2010, fuq talba magħmula mill-

[3] Art. 75(1) tal-Att XXII tal-2002 dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali (Kap 452)
[4] Dok "B", f'paġġ. 6 sa 14 tal-proċess
[5] Dok "A", f'paġġ. 77 sa 82 tal-proċess

appellanti b'rikors tagħha tat-2 ta' Ġunju, 2010[6], biex issib lill-appellata ħatja ta' disprezz talli xorta waħda ma ħallithiex tidħol lura għax-xogħol minkejja s-sentenza, il-Qorti tal-Appell qalet "*Fl-ewwel lok il-Qorti tagħmilha ċara illi l-provvediment minnha mogħti fis-sentenza tal-21 ta' Mejju, 2010 bejn il-partijiet hija ma ordnatx ir-re-inseriment fil-post tax-xogħol tar-rikorrenti, appellanti f'dik il-kawża, iżda sempliċiment li din titqiegħed fl-istat 'ante quo' il-liċenzjament tagħha biex ikollha l-opportunità tiddefendi ruħha fil-konfront tal-addebiti li bihom ġiet akkużata mill-prinċipali tagħha. F'dawn iċ-ċirkostanzi u skond l-interpretazzjoni ta' dak il-ġudikat it-tieni talba tar-rikorrenti ma tistax tiġi eżawdita u qed tiġi miċħuda*". Ta' min jgħid li fiż-żmien li għalih tirreferi s-sentenza fuq imsemmija, l-appellanti kienet sospiża milli tidħol għax-xogħol b'paga sħiħa. Huwa fil-qafas ta' dawn iż-żewġ provvedimenti u din iċ-ċirkostanza fattwali li kemm l-aggravju tal-appellanti u kif ukoll il-pożizzjoni tal-appellata (b'mod partikolari fl-appell inċidentali tagħha) jmisshom jitqiesu;

21. Illi l-appellanti tgħid li l-pretensjonijiet tagħha għall-ħlas tas-salarji ma setgħu qatt jaqgħu bil-preskrizzjoni qabel ma l-kwestjoni kienet definita bis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell. Hija tgħid li, hekk kif ingħatat dik is-sentenza, hi ma ħliet l-ebda ħin w interpellat ġudizzjarjament lill-appellata biex tersaq għal-likwidazzjoni u l-ħlas ta' dak li kien lilha dovut. B'dan l-argument il-Qorti tifhem li l-aggravju jirrigwarda

[6] Dok "Ċ", f'paġ. 88 tal-proċess

l-kwestjoni taż-żmien li fih seta' jibda miexi ż-żmien preskrittiv u, sussidjarjament, jekk kienx hemm xi raġuni li żżomm milli dak iż-żmien jibda għaddej;

22. Illi l-Qorti tibda biex tqis li, mill-mod kif fasslet dan l-aggravju, l-appellanti tistqarr impliċitament li l-pretensjonijiet tagħha jistgħu jintlaqtu bil-mixi tal-preskrizzjoni. Madankollu, hija żżid tgħid li ż-żmien ma setax jibda għaddej qabel ma ngħatat is-sentenza li ħassret id-deċiżjoni tat-Tribunal;

23. Illi hija ħaġa magħrufa li hija l-liġi nnifisha li f'kull każ tistabilixxi ż-żmien minn mindu jibda jgħaddi u fih jagħlaq xi perjodu preskrittiv. Meta titqajjem l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni, l-Qorti trid dejjem u f'kull każ issib liema tkun id-data li minnha jibda għaddej iż-żmien preskrittiv u jekk mill-provi dik id-data ma toħroġx, l-eċċezzjoni trid titwarrab u ma tintlaqax[7]. Fl-artikolu 2137 tal-Kodiċi Ċivili l-liġi tagħmilha ċara li biex wieħed iqis minn meta jibda għaddej iż-żmien preskrittiv dwar xi azzjoni, ma jittieħed l-ebda qies tal-istat jew tal-kundizzjoni tal-persuna li lilha tkun tmiss xi azzjoni[8]. Fi kliem ieħor, biex żmien ma jibdiex għaddej kontra l-persuna li jkollha dritt ta' azzjoni, irid ikun hemm impossibilità lil hinn mir-rieda ta' dik l-istess persuna li tkun ġejja minn kawża barranija li dik il-persuna ma

[7] App. Ċiv. **5.4.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Quintano vs Calleja et*** (Kollez. Vol: **LXXVII.ii.269**)
[8] App. Inf. PS **9.4.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Josette Żammit vs Darren Woodhead***

setgħetx tinqala' minnha[9]. Fil-każ ta' talba għall-ħlas ta' paga jew salarju li ma jkunux tħallsu, hija l-liġi ġenerali li tirregola l-kwestjoni, ladarba l-liġi speċjali li tirregola l-impieg ma tistabilix xi regola partikolari ta' żmien fejn il-persuna li tkun għandha tfittex għal tali ħlas fi proċeduri li mhumiex ta' natura penali[10]. Għalhekk, il-pretensjonijiet tal-appellanti riedu jitqiesu skond il-liġi li tirregola l-proċediment ċivili, jiġifieri l-Kodiċi Ċivili;

24. Illi ladarba l-appellanti tgħid li ż-żmien tal-preskrizzjoni ma setax jibda għaddej ħlief qabel ma ngħatat is-sentenza tal-Qorti tal-Appell, dan ifisser li hija tqis li jew kien hemm xi raġuni li ssospendiet il-mixi tal-preskrizzjoni jew xi raġuni li timpediha. L-appellanti ma semmiet l-ebda raġuni maħsuba fil-liġi li jew impediet il-mixi taż-żmien preskrittiv dwar il-pretensjonjiet tagħha[11] u wisq anqas li waqqfet jew issospendiet tali mixi[12]. Fit-tieni lok, l-azzjoni li hija fetħet kontra l-appellata quddiem it-Tribunal Industrijali kienet waħda għal dikjarazzjoni li t-tkeċċija tagħha mill-impieg kienet waħda inġusta, u mhux azzjoni għall-ħlas ta' paga li nżammet. Fit-tielet lok, fejn jidħol l-għoti ta' servizzi, iż-żmien tal-preskrizzjoni jibqa' miexi minkejja li dak li jkun jibqa' jagħti jew jixtieq jibqa' jagħti tali servizzi[13], sakemm id-debitur tal-obbligazzjoni ma jkunx iddikjara mod ieħor bil-miktub[14];

---

[9] App. Kumm. **15.2.1965** fil-kawża fl-ismijiet ***Attard et noe vs Fenech*** (Kollez. Vol: **XLIX.i.500**)
[10] Art. 47(2) tal-Kap 452
[11] Artt. 2118 sa 2121 tal-Kap 16
[12] Artt. 2122 sa 2125 tal-Kap 16
[13] Art. 2151(1) tal-Kap 16
[14] Art. 2151(2) tal-Kap 16

25. Illi fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha, l-appellanti ma tistax toiqgħod fuq iċ-ċirkostanza tas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell li ħassret id-deċiżjoni tat-Tribunal Industrijali, u dan ukoll għaliex dik il-Qorti għamlitha ċara – f'degriet li hija tat wara l-għoti tas-sentenza tagħha – li hija ma kinitx ordnat li l-appellanti terġa' tiddaħħal lura fl-impieg. Għalhekk, jekk l-appellenti kellha f'moħħha li żżomm sħiħa l-pretensjonijiet tagħha għall-ħlas ta' salarji ladarba kienet qiegħda tikkontesta s-siwi tat-tkeċċija tagħha mill-impieg, ma kien hemm xejn x'iżommha milli, mqar b'ittra uffiċjali, twaqqaf kull darba l-mogħdija ta' dak iż-żmien skond kemm meħtieġ[15]. Ir-raġuni miġjuba 'l quddiem minnha fis-sens li riedet tistenna l-pronunċjament tal-Qorti tal-Appell ma tista' bl-ebda mod tissarraf f'dik iċ-ċirkostanza ta' impossibilità maħluqa minn kawża barranija għar-rieda tagħha li ssemmiet aktar qabel;

26. Illi lil hinn minn hekk, din il-Qorti ssib li l-istħarriġ mirqum li wettqet l-ewwel Qorti dwar liema żmien ta' preskrizzjoni jgħodd għall-każ kien tajjeb u mistħoqq u daqstant ieħor kien tajjeb it-tħaddim tal-liġi għaċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ u dwar l-effetti li ħallew iż-żewġ ittri uffiċjali li l-appellanti bagħtet lill-appellata wara l-għoti tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell;

[15] Art. 2128 tal-Kap 16

27. Illi għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti ssib li l-aggravju mhuwiex mistħoqq u mhux sejjer jintlaqa';

28. Illi fit-tielet aggravju tagħha l-appellanti tgħid li l-ewwel Qorti ma għamlitx sewwa li ordnat li l-imgħaxijiet kellhom jibdew jgħaddu minn dakinhar li l-appellata laqgħet in-notifika tal-kawża miftuħa kontriha mill-appellanti. Hija tgħid li l-imgħaxijiet bdew jimxu minn dakinhar li kull ħlas ta' salarju dovut lilha kellu jitħallas u dan minħabba li, bi-tħassir tad-deċiżjoni tat-Tribunal Industrijali, hija effettivament baqgħet fl-impieg mal-appellata;

29. Illi l-appellata twarrab dan l-aggravju u tgħid li l-appellanti qatt ma interpellatha biex tħallasha s-salarju pretiż, u kien biss bis-saħħa taż-żewġ ittri uffiċjali li talbet li ssir il-likwidazzjoni ta' dak li kienet qiegħda tippretendi bħala ħlas. L-appellata żżid tgħid li hija qatt ma aċċettat li l-appellanti kien jistħoqqilha titħallas xi salarju, għaliex lill-appellanti kienet temmitilha l-impieg u ħadd ma għandu jedd għall-ħlas ta' salarju jekk ma jkunx impjegat u jekk ma jaħdimx ix-xogħol li jkun imqabbad jaħdem;

30. Illi l-Qorti tqis li r-raġunament tal-ewwel Qorti fis-sentenza appellata dwar din il-kawżali huwa tajjeb u skond il-liġi. Kien biss fir-Rikors Maħluf li bih fetħet din il-kawża li l-appellanti semmiet għall-ewwel darba s-somma li hija kienet qiegħda tippretendi bħala dik li jistħoqqilha titħallas.

Sa dak inhar, kulma kienet talbet kien li l-appellata tersaq għal-likwidazzjoni ta' dak il-ħlas. F'każ bħal dak, tgħodd ir-regola li *in illiquidis non fit mora.* Minbarra dan, ladarba l-liġi partikolari ma tipprovdix għal ħlas ta' mgħax fuq ammonti pretiżi minn impjegat dwar ħlasijiet miżmuma mill-prinċipal tiegħu, ikollhom jitħaddmu r-regoli ġenerali tal-krediti[16]. Għalhekk, f'dan il-każ, il-morożità min-naħa tal-appellata seħħet hekk kif laqgħet in-notifika tat-talba ġudizzjarja li biha l-appellanti fetħet il-kawża tagħha;

31. Illi fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Qorti ssib li dan l-aggravju mhuwiex mistħoqq lanqas u mhix sejra tilqgħu;

32. Illi l-Qorti se tgħaddi biex tqis l-**aggravji tal-appellata fl-appell inċidentali** tagħha. Fl-ewwel aggravju, l-appellata tilmenta li l-ewwel Qorti ma qisitx sewwa l-import tas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell li kienet ħassret id-deċiżjoni tat-Tribunal Industrijali. Hija tgħid li l-ewwel Qorti messha sabet li l-pretensjonijiet kollha tal-appellanti kellhom ikunu miċħuda għaliex tgġid li kienu msejsa fuq "interpretazzjoni għal kollox miġbuda (*recte:* imġebbda) u li (ma) tirrispekkjax l-istat ta' dritt għal dak li jirrigwarda l-konsegwenzi ta' tkeċċija li jiġi deċiż li kienet inġusta". Hija żżid tgħid li s-sentenza appellata ħadet f'idejha setgħat li l-liġi tagħtihom

[16] P.A. GCD **24.2.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Francis Apap vs Kummisarju tal-Pulizija*** (mhix appellata) li kienet tirrigwarda każ ta' talba għall-ħlas ta' mgħax u 'allowances' mitlufa minn uffiċjal pubbliku għaż-żmien li kien interdett sakemm tmexxew kontrih proċeduri dixxiplinari

biss lit-Tribunal Industrijali li huwa waħdu seta' jiddetermina l-konsegwenzi u l-effetti ta' tkeċċija u jekk kinitx waħda ġusta jew inġusta;

33. Illi l-appellanti ma ressqet l-ebda Risposta għall-appell inċidentali;

34. Illi l-Qorti tqis li dan l-aggravju jippreżumi li s-sentenza appellata ndaħlet f'ħaġa li taqa' bil-liġi fis-setgħat esklussivi tat-Tribunal Industrijali. Il-Qorti hija tal-fehma li dan mhuwiex il-każ. L-effetti tas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell meta ħassret id-deċiżjoni tat-Tribunal Industrijali kienu sewwasew dawk li ħassru dak il-proċediment u, minħabba li dik il-Qorti sabet li l-mod kif saret it-tkeċċija ma kienx tajjeb, reġgħet qiegħdet lill-appellanti fil-qagħda li kienet qabel l-1 ta' Settembru, 2005. Sa dakinhar u minn xi jumejn qabel, l-appellanti kienet twaqqfet milli tidħol għax-xogħol (sospiża) b'paga sħiħa. Kif qalet l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata, din kienet deċiżjoni li l-appellata ħadet minn rajha u sakemm tistħarreġ l-akkużi li bihom xliet lill-impjegata tagħha. Kif jidher ċar mid-degriet li tat il-Qorti tal-Appell f'Ġunju tal-2010, kulma għamlet dik is-sentenza kien li reġġgħet lura l-qagħda biex l-appellanti tkun tista' tiddefendi ruħha sewwa mix-xiljiet li l-appellata kienet għamlitilha qabel nediet il-proċeduri dixxiplinari;

35. Illi dan ifisser li l-appellanti reġgħet tqiegħdet fil-pożizzjoni ta' impjegata sospiża b'salarju sħiħ. L-effetti ta' dik il-qagħda kienu li,

sakemm intemmu l-proċeduri dixxiplinari kontra l-appellanti jew sakemm l-appellata ma ordnatx mod ieħor, l-appellanti kienet trid titqies bħala impjegata sospiża bi ħlas sħiħ. L-appellata nediet proċess ġdid dixxiplinari li wassal għal deċiżjoni li l-appellanti titkeċċa mill-impieg. Kemm hu hekk, l-appellata ħallset lill-appellanti s-salarju sħiħ taż-żmien kollu li dam għaddej dan il-proċess li ntemm bit-tkeċċija fit-2 ta' Novembru, 2010. Għalhekk, l-appellata ma tistax tlum lill-ewwel Qorti li ħaddmet l-effetti naturali u legali li kienet iġġib magħha s-sentenza tal-Qorti tal-Appell. Minbarra dan, din il-Qorti ma tifhimx kif l-appellata tista' ssostni dan l-aggravju tagħha meta kienet hija stess li ħallset lill-appellanti l-paga għaż-żmien wara li ngħatat is-sentenza mill-Qorti tal-Appell sa dakinhar li ttieħdet id-deċiżjoni tat-tkeċċija tagħha mill-impieg, ukoll jekk tgħid li għamlet dan b'rispett lejn dak li iddeċidiet il-Qorti tal-Appell u mhux għaliex taqbel mal-pretensjonijiet tal-appellanti. L-ewwel Qorti ma wettqet l-ebda funzjoni li l-liġi tħalli għas-setgħa esklussiva tat-Tribunal. Din il-Qorti żżid tgħid ukoll li dan l-aggravju diġà kien il-mertu ta' talba mressqa mill-appellata għar-ritrattazzjoni tas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell u liema talba ma ntlaqgħetx[17];

36. Illi għalhekk, dan l-aggravju ma huwiex tajjeb u ma jistax jintlaqa';

[17] App. Inf RCP **27.1.2011** fil-kawża fl-ismijiet ***Antoinette Vella vs CareMalta Limited***

37. Illi bit-tieni aggravju l-appellata tgħid li l-ewwel Qorti ma għamlitx sewwa li għabbietha bil-ħlas tal-ispejjeż tagħha. Ma tagħti l-ebda raġuni għal dan l-aggravju;

38. Illi l-Qorti ssib li dan l-aggravju mhuwiex tajjeb u ma jidhrilhiex li għandha għalfejn toqgħod tinħela wisq fuqu. Tgħid biss li l-ewwel Qorti tat ir-raġuni għalfejn dehrilha li kull waħda mill-partijiet kellha tħallas l-ispejjeż tagħha u dan skond ma titlob il-liġi[18]. Minn qari tal-atti tal-kawża joħroġ ċar li kull waħda mill-partijiet kienet telliefa f'xi punt tal-kawża, u għalhekk l-ewwel Qorti mxiet sewwa meta iddisponiet mill-kap tal-ispejjeż bil-mod imsemmi fis-sentenza appellata;

***Decide:***

39. Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-appelli billi:

**Tilqa' limitatament l-appell** ewlieni tal-attriċi appellanti fir-rigward tat-tieni aggravju tagħha, imma **tiċħad l-istess appell** fil-bqija;

**Tiċħad l-appell inċidentali** tal-kumpannija intimata appellata, u għalhekk:

[18] Art. 223(3) tal-Kap 12

**Tirriforma** s-sentenza appellata mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-30 ta' Settembru, 2014, fil-kawża fl-ismijiet premessi billi, għall-finijiet tordna li fit-tieni provvediment tal-parti dispożittiva tal-imsemmija sentenza, il-frażi "d-19 ta' Mejju, 2010" titħassar u minflokha tidħol il-frażi "id-19 ta' Novembru, 2008", u tikkonfermaha għal kollox fil-bqija; u

**Tordna** li kull parti tħallas l-**ispejjeż tal-appell** rispettiv tagħha.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>Prim Imhallef | Joseph R. Micallef<br>Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef |

Deputat Registratur
gr